MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2004

Citazzjoni Numru. 2067/1999/1

**Tonio Chetcuti**

**Vs**

**Nina Chetcuti**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 27 ta' Settembru 1999 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-partijiet izzewgu f' Malta fl-erbatax (14) ta' April tas-sena elf disa mija tmienja u tmenin (1988) fejn il-konvenuta tat il-kunsens taghha ghall-kuntratt taz-zwieg bl-eskluzzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali, jew ohrajn tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghal att taz-zwieg, imma ghamlet

dan bi skop unikament qarrieqi kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi l-istess attur talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara null u bla effett iz-zwieg tal-attur mal-konvenuta, li gie celebrat f' Malta fl-erbatax (14) ta' April tas-sena elf disa' mija tmienja u temnin (1988), *stante* li l-konvenuta fil-mument taz-zwieg tat il-kunsens taghha b' qerq u wkoll bl-eskluzzjoni posittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta, mharka ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attrici u l-lista tax-xhieda a fol. 3 tal-process.

Rat in-nota tal-Eccezzjonijiet tal-konvenuta Nina Chetcuti datata 25 ta' April 2000 fejn eccepiet bil-qima:-

1. Illi z-zwieg kontrattat bejn il-kontendenti kien wiehed validu u perfettament legali. Il-kunsens tal-konvenuta kien validu liberu u skond il-ligi u ma kellu ebda eskluzzjoni kif allegat;

2. Illi l-esponenti ma tifhimx bil-Malti izda ghamlet l-eccezzjonijiet wara li spjegawlha u ttraducewlha l-kontenut taghhom u tac-citazzjoni u titlob illi l-proceduri siru bil-lingwa Ingliza;

3. Illi salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta Nina Chetcuti u l-lista tax-xhieda a fol 9 u fol. 10 tal-process.

Rat il-verbal datat 19 ta' Mejju 2000, fejn giet nominata Dr. Veronica Galea Debono biex tigbor il-provi u tirrelata.

Rat il-verbal datat 20 ta' Novembru 2000, fejn il-Qorti giet infurmata li l-provi kienu qed jingabru.

Rat il-verbal datat 2 ta' Mejju 2001, fejn il-Qorti giet infurmata li l-provi kienu qed jingabru.

Rat in-nota tal-konvenuta Nina Chetcuti, datata 29 ta' Mejju 2001, a fol. 14 li permezz taghha esebit l-affidavit ta' Carmel Mifsud.

Rat il-verbal datat 13 ta' Novembru 2001, fejn il-Qorti giet infurmata li l-provi kienu qed jingabru.

Rat l-avviz tal-Qorti datat 21 ta' Marzu 2002, fejn gie ordnat li din il-kawza tigi differita quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D. ghall-20 ta' Gunju 2002.

Rat il-verbal datat 20 ta' Gunju 2002, fejn il-Perit Legali nformat lil Qorti li kien hemm biss seduta wahda x' tinzamm.

Rat il-verbal datat 4 ta' Dicembru 2002, fejn Dr. Edward Gatt ghall-attur informa lil Qorti li l-ahhar seduta ma saritx. Il-Qorti ordnat li tigi ffissata l-ahhar seduta sal-ahhar ta' Jannar 2003.

Rat is-seduti mizmuma quddiem il-Perit Legali Dr. Veronica Galea Debono minn fol. 72 sa fol. 100 tal-process.

Rat il-verbal datat 29 ta' April 2003, fejn Dr. Graziella Bezzina ghall-attur infurmat lil Qorti li l-provi gew maghluqa ghalkemm ma kienx gie prezentat ir-rapport.

Rat il-verbal datat 10 ta' Gunju 2003.

Rat ir-rapport tal-Perit Legali Dr. Veronica Galea Debono minn fol. 103 sa fol. 128 tal-process.

Rat il-verbal datat 13 ta' Novembru 2003, fejn il-Perit Legali Dr. Veronica Galea Debono halfet ir-rapport.

Rat in-nota tal-konvenuta Nina Chetcuti, datata 18 ta' Novembru 2003, fejn talbet il-hatra ta' periti addizjonali peress illi thoss ruhha aggravata mir-rapport tal-perit legali ppresentat fl-atti tal-kawza fin-numru u fl-ismijiet premessi.

Rat il-verbal datat 20 ta' Jannar 2004, fejn Dr. Graziella Bezzina ghall-attur rrimettiet ruhha ghar-rapport u Dr. Lycia Vassallo ghall-konvenuta rrinunzjat ghat-talba tal-Periti Perizjuri. Dr. Lycia Vassallo talbet biex taghmel nota ta' osservazzjonijiet. Il-Qorti laqghat it-talba u ppreffiggiet lill-konvenuta terminu ta' sittin (60) gurnata biex tipprezenta tali nota bil-visto / notifika lid-difensur tal-kontro-parti li jkollu sittin (60) gurnata biex jirrispondi. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghad-9 ta' Dicembru 2004.

Rat il-provi kollha prodotti.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (I) PRINCIPJI LEGALI

Illi l-attur qed jibbaza t-talba tieghu fic-Citazzjoni, fuq l-**artikolu 19(1) (f)** tal-**Kap. 255** tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-**artikolu 19(1) (f)** tal-**Kapitolu 255** tal-**Ligijiet ta' Malta** jiddikjara illi zwieg ikun null jekk: -

"*il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg*".

Illi jidher illi f'dan il-kaz, l-attur qed jallega illi l-kunsens tal-konvenuta kien vizzjat bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu u ta' l-elementi essenzjali tieghu, u li ghalhekk hija ssimulat il-kunsens taghha ghaz-zwieg *de quo*, u dan

minhabba l-fatt illi allegatament, il-konvenuta zzewget biss biex tkun tista' tibqa' tghix hawn Malta – fatt illi huwa negat mill-konvenuta, izda illi jirrizulta bhala l-aktar tezi probabbli fic-cirkostanzi kollha tal-kaz, kif ampjament diskuss fil-konsiderazzjoni ta' Fatt (*supra*).

Illi ghalkemm il-Ligi taghna ma tiddefinixxix x'jikkostitwixxi l-elementi essenzjali taz-zwieg, il-Qrati taghna rritenew illi dawn il-kwalitajiet essenzjali jikkonsistu fil-komunjoni tal-hajja mizzewwga, l-indissolubilita`, il-fedelta` u l-prokreazzjoni tat-tfal, kif inghad fis-sentenza **"Mark Spiteri vs Susan Margaret Spiteri"** (Cit. Nru. 1254/98/RCP) deciza minn dina l-Onorabbli Qorti kif preseduta fis-27 ta' Frar 2001:

"*L-elementi essenzjali taz-zwieg jikkonsistu fl-obbligazzjoni rigwardanti l-att konjugali jew unjoni karnali, bhala unjoni fizika u bazi ghall-prokreazzjoni; l-obbligazzjoni tal-komunjoni tal-hajja u mhabba bhala espressjoni ta' l-unjoni bejn ir-ragel u l-mara, gid reciproku, li huwa inseparabbli mill-kreazzjoni ta' ambjent siewi ghar-ricezzjoni u l-edukazzjoni tat-tfal; u l-obbligazzjoni li tircievi u trabbi tfal fil-kuntest ta' komunita` konjugali. Huwa importanti li wiehed jiftakar li dawn l-obbligi essenzjali jridu jkunu reciproci, permanenti, kontinwi, esklussivi u irrevokabbli…*".

Illi tal-istess portata hija s-sentenza fl-ismijiet **"Lorraine Zammit vs Gordon Zammit"** (Cit. Nru. 1082/01/RCP) ukoll deciza minn din l-Onorabbli Qorti kif preseduta fis-27 ta' Gunju 2002.

Illi l-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **"Haidon vs Haidon"** deciza minn dina l-Qorti diversament preseduta fis-7 ta' Lulju 1994 fejn inghad: -

"*ma ghandu jkun hemm ebda motivazzjoni li ggieghel persuna tersaq ghaz-zwieg ghajr l-imhabba lejn persuna ohra w ix-xewqa li tqatta' l-kumplament ta' hajjitha fil-kumpanija taghha. Fiz-zwieg, wiehed irid ikun lest li jaghti t-totalita` tieghu nnifsu esklussivament lill-persuna l-ohra, u din l-ghotja trid tkun mhux biss reciproka izda motivata*

*bi hsieb genwin li verament ikun irid johloq 'a partnership for life'*". [Enfasi Mizjud]

Illi '*noltre*, fil-kawza **"Micallef vs Micallef"** deciza minn dina l-Qorti diversament preseduta fl-4 ta' Mejju 1993, gie deciz illi "*element essenzjali tal-hajja mizzewga skond il-Ligi taghna huwa d-dritt tal-mizzewgin ghall-komunjoni tal-hajja ('communio vitae') bejniethom*". Dan huwa fattur ta' rilevanza assoluta fil-kaz odjern.

Illi l-Qrati taghna rritenew fis-sentenza bl-ismijiet **"Theresa Taguri vs Avukat Christoper Cilia et noe"** deciza minn dina l-Qorti diversament *pre* Onor. N. Arrigo fl-11 ta' Ottubru 1999, illi: -

*"l-eskluzjoni pozittiva ma kellhiex necessarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament izda setghet tigi espressa bl-imgieba ta' xi parti fil-perjodu immedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens".*

Illi tal-istess portata huma s-sentenzi bl-ismijiet **"Mark Spiteri vs Susan Margaret Spiteri"** (Cit. Nru. 1254/98/RCP) deciza fis-27 ta' Frar 2001; **"Lorraine Zammit vs Gordon Zammit"** (Cit. Nru. 1082/01/RCP) deciza fis-27 ta' Gunju 2002 u s-sentenza fl-ismijiet **"Josette Lungaro vs Jesmond Lungaro"** (Cit. Nru. 2458/97/RCP) deciza fl-1 ta' Frar 2001.

Illi kif inghad ukoll fil-kawza **"Dr. Stephen Muscat noe vs Maria Borg Grech"** deciza fl-14 ta' Awissu 1995, l-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg jew xi wiehed mill-elementi essenzjali tieghu tista' tkun implicita. F'dak il-kaz, dina l-Qorti diversament preseduta kkwotat favorevolment lil ***Castano*** li ddefinixxa l-eskluzjoni posittiva bhala "*un atto posittivo di volonta`*", izda mbaghad kompla jelucida: -

"*Pero` l'atto posittivo della volonta` non si identifica con l'intenzione espressa o esplicita, ma l'atto della volonta` puo` essere posittivo ed essere manifestato implicitamente… puo` essere emesso anche con intenzione implicita, vale a dire mediante il modo da*

*comportarsi del soggetto che esclude, o mediante l'insieme di circostanze della vita del medesimo soggetto".*

Illi tal-istess portata hi s-sentenza fl-ismijiet **"Simon Farrugia vs Gladys Farrugia"** (Cit. Nru. 786/95/NA) deciza fil-25 ta' Jannar 1999.

**(II) APPREZZAMENT TAL-PROVI.**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-partijiet iltaqghu l-ewwel darba flimkien f' Malta f' Awissu 1987 meta l-konvenuta, li hija ta' nazzjonalita' Jugoslava kienet Malta ghal vaganza ta' gimgha u l-partijiet izzewgu f' inqas minn sena f' April 1988 meta l-attur kellu 26 sena u l-konvenuta kellha 35 sena. Ghall-ewwel sitt xhur ghexu fl-Jugoslavia fejn l-konvenuta kellha xoghol tajjeb hafna izda l-attur ma' setghax jahdem; gew Malta u l-konvenuta kienet harget tqila, u l-attur beda jahdem hawn Malta. Marru jghixu ma' hu l-attur Valentino Chetcuti izda kellhom johorgu minn hemm minhabba diversi l-litigji ta' bejniethom; marru joqghodu ghand il-genituri tal-attur. L-istess attur u x-xhieda minnu prodotti jallegaw li l-konvenuta kienet kontinwament taqla' l-glied ghal xejn mal-attur u anke li kienet tattakah fizikament u ma' thalliex jara t-tarbija li kellhom ghaliex kienet tissakkar fil-kamra tas-sodda taghha.

Illi jidher li l-glied kien ikun fuq diversi affarijiet fosthom li l-attur kien idum xi ftit barra wara xoghol, ghaliex kien ikellem lil hbieb tieghu w ukoll ghaliex kien ikellem lill-genituri tieghu. Illi t-tezi tal-attur hija mibnija fuq l-allegazzjoni li l-konvenuta zzewget lilu ghaliex kien konvenjenti ghaliha li taghmel dan peress li rat li f' pajjizha kienu gejjien zminijiet difficli, u allura riedet issib mezz sabiex titlaq minn pajjizha.

Illi min-naha l-ohra l-konvenuta issostni li hija kellha xoghol tajjeb f' pajjizha u tghid li kien dejjem l-attur li kien ghamel insistenza fuqha sabiex jizzewgu pero' skond il-konvenuta dan dejjem ried jaghmlu fil-Jugoslavia, u dan peress f' dak il-pajjiz huwa setgha jottjeni d-divorzju, meta f' Malta divorzju ma' hawnx. Illi jidher car mill-affidavit

taghha li skond hija l-partijiet izzewgu ghaliex hekk ried l-attur u dan sabiex bhal speci huwa jkun jista’ jhalli Malta. Pero’ tghid li f’ pajjizha huwa ma setghax jaddatta, minhabba dak li hija tirreferi bhala nuqqasijiet tieghu w allura gew Malta. Hija giet Malta fit-23 ta’ Settembru 1988 izda tghid li l-attur kien ihalliha wahedha anke meta kienet tqila, johrog wahdu, u kien jikknsulta f’ kollox mal-familja tieghu; spejgat li mal-genituri tieghu hasset li kienet qed tigi stmata bhala prugunier; tghid li f’ kollox kien iddahhal lil missieru u wkoll tispjega certi tendenzi tal-attur li lilha kienu certament joffenduha (fol. 56); tghid li kien joffendiha ghaliex kienet akbar minnu u kien jabbuza ruhhu minnha bi kliem ghaliex hija ma kellha lil hadd mill-familja taghha hawn Malta. Tghid li l-attur mill-20 ta’ Jannar 1990 ghex hajja ta’ guvni izda kien biss fi Frar 1993 li huwa telaq mid-dar.

Illi wara li din il-Qorti ezaminat il-provi kollha prodotti, u l-konkluzzjonijiet tal-Perit Legali, hija thoss li taqbel biss parzjalment mal-konsiderazzjonijiiet u konkluzzjonijiet raggunit mill-istess Perit Legali, u dan fis-sens li ma jirrizultax car, lanqas mix-xhieda ta’ l-istess konvenuta ghaliex hija zzewget lill-attur, pero’ huwa cert li anke mir-rakkont taghha stess hija certament ma kinitx thobb lill-attur u zgur li ma kien hemmx kuncett ta’ *consortium vitae* min-naha taghha lejh, u dan ghaliex hija taghmilha cara li kien l-istess attur li ried jizzewwigha, u fil-fatt, kif tajjeb qalet il-Perit Legali hlief tmaqdir lejh ma’ kellhiex.

Illi in fatti wiehed mill-ewwel jinnota li mill-ewwel il-konvenuta bdiet titkellem dwar separazzjoni u divorzju u jidher car li ghaliha l-kuncett ta’ permanenza fiz-zwieg kien ghal kollox aljen ghaliha u certament ma kinitx temmen fl-indissolubilita’ fiz-zwieg;

Illi pero’ din il-Qorti thoss ukoll li x-xhieda tal-konvenuta ma’ tistax tigi ghal kollox injorata, u anke tenut kont tal-fatt li l-attur ilu ma jghix ma’ l-istess konvenuta mis-sena 1993, u in verita’ mir-rakkont taghha jidher car li kien hemm dizgwidi serji bejn il-partijiet mill-bidu nett tar-relazzjoni taghhom, tant li x-xhieda kollha prodotti jindikaw kemm il-partijiet kellhom litigji kontinwi bejniethom, u hija l-

opinjoni ta’ din il-Qorti wkoll li abbazi tal-provi prodotti dak li wassal lill-attur li jizzewweg lill-konvenuta kienet biss infattwazzjoni tieghu, u bil-mod li huwa tratta ma’ martu certament li wera bl-iktar mod skjet li huwa ma’ kellu qatt l-intenzjoni li jghix hajja ta’ ragel mizzewweg b’ rispett lejn id-dinjita’ tal-mara u f’ sens ta’ ugwaljanza maghha, u ghalhekk din il-Qorti thoss li l-kunsens tal-attur kien ukoll vizzjat abbazi tal-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta.** Dan huwa manifestat anke fiz-zmien li ghamel l-azzjoni attrici, u dan kif jispeja huwa stess fl-affidavit tieghu.

**III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta, **tilqa’ t-talba attrici** b’dan illi:-

1. Tiddikjara null u bla effett iz-zwieg tal-attur mal-konvenuta, li gie celebrat f’ Malta fl-erbatax (14) ta’ April tas-sena elf disa’ mija tmienja u tmenin (1988), *stante* li l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat abbazi tal-**Artikolu 19 (1) (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta**;

Bl-ispejjez jinqasmu bin-nofs bejn iz-zewg partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------